

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/1245

tat-18 ta' Settembru 2018

li jimplimenta l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2016/44 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tat-18 ta' Jannar 2016 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Jannar 2016 il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2016/44.
- (2) Fil-11 ta' Settembru 2018 il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU") stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 1970 (2011) tal-KSNU żied persuna mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness II għar-Regolament (UE) 2016/44 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II għar-Regolament (UE) 2016/44 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Settembru 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

G. BLÜMEL

⁽¹⁾ ĠUL 12, 19.1.2016, p. 1.

ANNEX

Il-persuna li ġejja tiżdied mal-lista fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/44:

“27. **Isem:** 1: Ibrahim 2: Saeed 3: Salim 4: Jadhran

Titlu: mhux disponibbli **Deżinjazzjoni:** Mexxej ta' milizzji armati **Data tat-twelid:** 1982 **Post tat-twelid:** mhux disponibbli **Psewdonimu affidabbli:** mhux disponibbli **Psewdonimu inqas affidabbli:** mhux disponibbli **Ċittadinanza:** Libja **Nru tal-Passaport:** mhux disponibbli **Nru tal-identifikazzjoni nazzjonali:** mhux disponibbli **Indirizz:** mhux disponibbli **Elenkat fil-: 11 ta' Settembru 2018. Tagħrif ieħor:** isem l-omm Salma Abdula Younis. Elenkat skont il-paragrafi 15 u 17 tar-riżoluzzjoni 1970 (Projbizzjoni fuq l-Ivvjaġġar, Iffriżar tal-Assi). Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU-INTERPOL: www.interpol.int/en/notice/search/un/xxxx.

Elenkat skont il-paragrafi 11 (b), 11 (c) u 11 (d) tar-Riżoluzzjoni 2213 (2015); paragrafu 11 tar-riżoluzzjoni 2362 (2017).

Informazzjoni addizzjonali:

- L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali tal-Libja ħareġ mandat ta' arrest kontra l-persuna kkonċernata fejn ġie akkużat li wettaq għadd ta' reati.
- Il-persuna kkonċernata wettqet azzjonijiet u attakki bl-armi kontra installazzjonijiet taż-żejt li jinsabu fir-reġjun tan-nofs qamar taż-żejt li kkawżaw il-qerda tiegħu, bl-aħħar wieħed fl-14 ta' Ġunju 2018.
- L-attakki fuq ir-reġjun tan-nofs qamar taż-żejt wasslu għal ħafna vittmi fost l-abitanti tar-reġjun u pperikolaw il-ħajja tal-persuni ċivili.
- L-attakki b'mod intermittenti waqqfu l-esportazzjonijiet taż-żejt Libjan mill-2013 sal-2018, li wassal għal telf sinifikanti għall-ekonomija Libjana.
- Il-persuna kkonċernata pprovat tesporta ż-żejt b'mod illegali.
- Il-persuna kkonċernata tirrekluta ġellieda barranin għall-attakki ripetuti tiegħu kontra r-reġjun “tan-nofs qamar taż-żejt”.
- Il-persuna kkonċernata, permezz tal-azzjonijiet tiegħu, qed jaħdem kontra l-istabbiltà tal-Libja, u jikkostitwixxi ostakolu għall-partijiet Libjani biex tissolva l-kriżi politika u jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti.”